# REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 610/2014

## tal-14 ta' Frar 2014

## li jistabbilixxi deroga mir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020)" fir-rigward tal-Impriża Konġunta ECSEL

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1290/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi r-regoli għal parteċipazzjoni u disseminazzjoni f'"Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020)" ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 1(3)(d) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jistabbilixxi il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) (Orizzont 2020) u jipprevedi l-involviment tal-Unjoni fi sħubijiet pubbliċi-privati, inkluż f'impriżi konġunti, f'oqsma ewlenin fejn ir-riċerka u l-innovazzjoni jistgħu jikkontribwixxu għall-miri kompetittivi usa' tal-Unjoni u jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-soċjetà.

(2) Il-parteċipazzjoni f'azzjonijiet indiretti skont Orizzont 2020 għandha tikkonforma mar-Regolament (UE) Nru 1290/2013. Madankollu, sabiex jitqiesu l-ħtiġijiet operattivi speċifiċi tal-impriżi konġunti stabbiliti skont l-Artikolu 187 tat-Trattat fil-qasam tal-komponenti u tas-sistemi elettroniċi, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat ġiet iddelegata lill-Kummissjoni għat-tul ta' żmien ta' Orizzont 2020 bil-ħsieb li l-korpi ta' finanzjament f'dan il-qasam jitħallew japplikaw rati ta' rimborż differenti għall-finanzjament ipprovdut mill-Unjoni f'każijiet fejn Stat Membru wieħed jew aktar jikkofinanzjaw parteċipant jew azzjoni.

(3) L-Impriża Konġunta ECSEL ġiet stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 ([3]) għal perjodu sal-31 ta' Diċembru 2024 sabiex tiġi implimentata Inizjattiva Teknoloġika Konġunta fil-qasam tal-Komponenti u tas-Sistemi Elettroniċi.

(4) Ġew identifikati ħtiġijiet operattivi speċifiċi fir-rigward tal-kofinanzjament mill-Istati Membri u l-applikabbiltà ta' regoli ta' finanzjament nazzjonali.

(5) Fid-dawl ta' dawn il-ħtiġijiet operattivi, tinħtieġ deroga mir-rata unika ta' rimborż imsemmija fl- Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013 f'każijiet fejn Stat Membru wieħed jew aktar jikkofinanzjaw parteċipant jew azzjoni, sabiex tkun awtorizzata rata' ta' rimborż ta' finanzjament mill-Unjoni skont it-tip ta' parteċipant u t-tip ta' azzjoni. Ir-rata ta' rimborż għandha tiġi stabbilita skont it-tip ta' parteċipant u t-tip ta' azzjoni sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni transfruntiera b'mod partikolari ma' intraprizi żgħar u ta' daqs medju u entitajiet legali mingħajr skop ta' qligħ, filwaqt li jinkiseb il-livell ottimali ta' effett ta' lieva fuq l-investiment privat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

B'deroga mill-Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE) Nru 1290/2013, l-Impriża Konġunta ECSEL tista' tapplika rati ta' rimborż differenti għall-finanzjament mill-Unjoni f'azzjoni li tiddependi fuq it-tip ta' parteċipant u t-tip ta' attività f'azzjonijiet fejn Stat Membru wieħed jew aktar jikkofinanzjaw parteċipant jew l-azzjoni.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 81.
([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014–2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).
([3]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 561/2014 tas-6 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta ECSEL (ĠU L 169, 7.6.2014, p. 152).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, l-14 ta' Frar 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO